MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2019

Rikors Maħluf Numru 916/2017 LM

**Mary Mifsud (K.I. 661346M)**

***vs.***

**Malta Public Transport Services (Operations) Limited**
**kif korrett b'digriet tas-17 ta' Novembru, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-5 ta' Ottubru, 2017 mill-attriċi **Mary Mifsud** (K.I. 661346M) (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), u maħluf minnha stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-esponenti kienet riekba 'bus' No. 51 ġewwa l-Ħamrun nhar it-13 ta' Awwissu, 2015;*

2. *Illi l-esponenti sfat feruta, liema feriment hija sofriet minħabba negliġenza, imperizja u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti da parti tal-addetti tal-intimati u ta' dan l-intimati għandhom iħallsu danni likwidati minn din l-Onorabbli Qorti;*

3. *Illi għalhekk ir-rikorrenti sofriet danni minħabba l-feriti subiti, liema danni huma kemm attwali u futuri.*

*Għalhekk kellha ssir din il-kawża fejn l-esponenti qiegħda titlob lil din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi:*

1) *Tiddikjara lill-intimata Malta Public Transport Services (Operations) Limited, responsabbli għall-inċident fuq deskritt u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrbet l-esponenti;*

2) *Tillikwida d-danni globali sofferti mill-esponenti Mary Mifsud jekk meħtieġ bl-opera ta' periti;*

3) *Tikkundanna lill-intimati Malta Public Transport Services (Operations) Limited iħallsu lill-esponenti Mary Mifsud id-danni kollha hekk likwidati;*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali b'effett mit-13 ta' Awwissu 2015 kontra l-istess Malta Public Transport Services (Operations) Limited, li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Malta Public Transport Services (Operations) Limited** (C 48875) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), li ġiet ippreżentata fit-3 ta' Novembru, 2017, u maħlufa minn Rita Azzopardi (K.I. 339384M) in rappreżentanza tal-istess, li biha eċċepiet:

*1. Illi, in linea preliminari, l-isem tal-intimata ġie indikat ħażin fl-okkju tar-rikors ġuramentat promutur. L-isem korrett tas-soċjetà intimata huwa Malta Public Transport Services (Operations) Limited u mhux kif indikat fir-rikors ġuramentat promutur;*

*2. Illi, fil-mertu, m'hemmx kontestazzjoni dwar ir-responsabbilità tal-inċident stradali in kwistjoni u fil-fatt l-intimata ressqet claim mal-assikurazzjoni tagħha Mapfre Middlesea plc u ddelegat lill-istess assikurazzjoni sabiex tittratta hi mar-rikorrenti dwar dan l-inċident;*

*3. Illi, fil-fatt l-istess assikurazzjoni Mapfre Middlesea plc, kienet ikkorrispondiet mad-difensur tar-rikorrenti sabiex jiġi kwantifikat l-ammont ta' danni reklamati sosanzjat bid-dokumentazzjoni neċessarja ħalli din tiġi kkunsidrata mill-istess Mapfre Middlesea plc, iżda din tal-aħħar u lanqas is-soċjetà esponenti ma rċevew ebda riskontru ulterjuri;*

*4. Illi għalhekk, l-intimata m'għandhiex tbati spejjeż ġudizzjarji peress li kien in-nuqqas da parte tar-rikorrenti li tindika l-ammont likwidat minnha pretiż flimkien mat-tagħrif meħtieġ li wassal għall-ftuħ ta' dawn il-proċeduri kif ser jirriżulta f'din il-kawża;*

*5. Illi, f'kull każ, kwalsiasi danni pretiżi għandhom ikunu reali u jiġu ppruvati sal-grad rikjest mil-liġi;*

*6. Illi inoltre, it-talba għall-ħlas tal-imgħaxijiet hija inammissibbli in virtu tal-prinċipju in illiquidis non fit mora stante li l-ammont pretiż sal-lum għadu mhux likwidat.*

7. *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' April, 2019, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

Il-kawża odjerna ġiet istitwita mill-attriċi wara li kienet involuta f'inċident waqt li kienet riekba *bus* No. 51 ġewwa l-Ħamrun fit-13 ta' Awwissu, 2015, meta x-xufier tal-karozza tal-linja ħa *brake,* u minħabba f'hekk il-persuni kollha li kienu rekbin bilwieqfa waqgħu għall-parti ta' quddiem tal-vettura. L-attriċi kienet waħda minn dawn il-persuni, u hija tgħid li riżultat ta' dan l-inċident hi weġġgħet driegħha tal-lemin b'tali mod li għadha ssofri minn debilità permanenti minħabba f'hekk.

Is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha wieġbet li m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar ir-responsabbilità tagħha għall-imsemmi inċident, tant hu hekk wara li l-avukat difensur tal-attriċi kien bagħat ittra bonarja f'isem il-klijenta tiegħu, is-soċjetà konvenuta kienet diġà tat struzzjonijiet lis-soċjetà li kienet assikurata magħha sabiex ikun jista' jsir il-ħlas relattiv. Minkejja dan, l-attriċi għażlet li tipproċedi b'din il-kawża.

## Provi u riżultanzi

Fl-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2017, il-Qorti ħatret lil **Mr Fredrick Zammit Maempel** bħala espert mediku sabiex wara li jeżamina lill-attriċi jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident inkwistjoni fuq saħħet l-attriċi, u jekk b'riżultat tal-istess l-attriċi sofrietx xi debilità permanenti u f'liema grad. Mr Frederick Zammit Maempel ippreżenta r-rapport tiegħu fl-10 ta' Jannar, 2018[1], fejn ġie

[1] *A fol.* 17 tal-proċess.

kkonstatat li skont l-attriċi l-inċident seħħ waqt li hija kienet riekba f'karozza tal-linja li inzertat kienet mimlija, u għalhekk bħal diversi persuni oħrajn hija kellha toqgħod bilwieqfa waqt il-vjaġġ. Jidher li f'ħin minnhom ix-xufier tal-karozza ħa *brake,* bir-riżultat li għadd ta' persuni ntefgħu 'l quddiem. Dak il-ħin l-attriċi ħasset skoss qawwi fi spallitha, u qamet mill-art, iżda mal-wasla tagħha fil-Belt Valletta, l-uġigħ tqawwa tant li l-attriċi ħassha ħażin. L-attriċi infurmat lill-espert mediku Mr Frederick Zammit Maempel waqt il-vista li kellha għandu għall-finijiet tar-rapport, li kien uffiċjal tal-Malta Public Transport Services (Operations) Limited li offra li jwassalha saċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana, fejn ittieħdulha għadd ta' *x-rays* tal-ispalla, u rriżulta li din ma kellhiex ksur, tant li t-tabib li invistaha bagħatha d-dar u taha xi pilloli tal-uġigħ. L-attriċi spjegat lill-espert mediku li hekk kif marret id-dar applikat xi silġ fuq spallitha, u dak il-ħin l-uġigħ taffa xi ftit, filwaqt li fil-ġranet ta' wara kellha ssiefer, u fuq parir tat-tabib iddeċidiet li ssiefer xorta waħda. Fi ftit jiem ħarġitilha tbenġila kbira fuq spallitha u sidirha tal-lemin, u ma setgħetx iċċaqlaq idejha, u għalhekk libset *sling* sabiex tkun tista' sserraħ idha sakemm tiġi lura. Mal-wasla tagħha f'Malta, l-attriċi marret l-Isptar Mater Dei fejn sarulha aktar investigazzjonijiet, fejn ġie stabbilit li kellha ksur fit-tarf tal-għadma magħrufa bħala l-*clavicle* tal-lemin, u għalhekk idha tpoġġiet fi *sling* għal madwar sitta jew seba' ġimgħat. L-attriċi wara li bdiet tattendi għal sessjonijiet tal-fiżjoterapija, reġgħet bdiet iċċaqlaq idejha, u ftit ftit bdiet ġejja 'l quddiem. Madanakollu minn konsulta ma' speċjalista tal-ispallejn ħareġ li l-muskoli tal-ispalla kienu mixrubin u l-ġog kien żviluppa l-artrite, u għalhekk ma' dan l-ispeċjalista l-attriċi ddiskutiet il-possibilità li jsirilha intervent fejn il-ġog jinbidel għal wieħed artifiċjali. L-espert mediku Mr Frederick Zammit Maempel qal li konsegwenza ta' dak li ġara driegħha tal-lemin hu dgħajjef,

tant li ma tistax tgħolli idha kemm tixtieq u lanqas ma tista' terfa' oġġetti tqal. L-attriċi ilmentat ukoll minn uġigħ qawwi meta titqalleb waqt l-irqad. Wara li eżamina lill-attriċi u ra l-funzjonament tad-driegħ affettwat, l-espert mediku Mr Frederick Zammit Maempel wasal għall-konklużjoni:

> "L-eżami kliniku wera li l-muskoli tal-madwar tal-ispalla, speċjalment id-deltoid, kienu mixrubin. Dan fil-fehma tiegħi huwa attribwit għal ksur qadim, l-operazzjoni u n-nuqqas ta' moviment glenoħumerali li rriżulta għal snin twal. Muskoli mixrubin jissarrfu f'sens ta' dgħufija fid-driegħ. Il-waqgħa ta' Awwissu 2015 setgħet qajmet u aċċellerat l-artrite fil-ġog u l-iskoss seta' forzi żarrad xi ftit fibri tal-muskoli li diġà kienu mixrubin.
>
> B'konklużjoni, id-diżabilità permanenti li ġarrbet Maria Mifsud bħala riżultat tal-inċident t'Awwissu 2015 kienet minima u stmata ta' 1% (wieħed fil-mija)."

L-attriċi xehdet fl-udjenza tat-28 ta' Jannar, 2019[2], fejn qalet li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ fit-13 ta' Awwissu, 2015, fuq karozza tal-linja li kienet qed taħdem fuq ir-rotta li mill-Imtarfa tmur lejn il-Belt Valletta. Qalet li l-karozza tal-linja kienet diġà mimlija meta telqet mill-Imtarfa, u meta x-xufier tal-karozza tal-linja wasal il-Ħamrun, kompla jtella' aktar nies. Hija spjegat li kienet bilwieqfa, u f'ħin minnhom ix-xufier ħa *brake* qawwi bir-riżultat li l-passiġġieri li kienu bilwieqfa waqgħu fuq xulxin. Qalet li hekk kif waslu l-Belt Valletta hi ħassitha muġugħa tant li ħassha ħażin, u dak il-ħin kien hemm mara li talbitha tpoġġi bilqiegħda. L-attriċi żiedet tgħid li dak il-ħin fil-karozza tal-linja tela' uffiċjal tal-Malta Public Transport li staqsiha x'kien ġralha u kien hu stess li wassalha saċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana. L-attriċi qalet li wara li ttieħdulha l-*x-rays* fiċ-Ċentru tas-Saħħa, it-tobba ma setgħux jikkonkludu jekk driegħha kienx miksur jew le, u meta infurmat lit-tabib li raha li l-għada kienet ser issiefer, dan qalilha biex tmur għaliex f'jumejn l-uġigħ

[2] *A fol.* 36 tal-proċess.

kellu jgħaddilha. L-attriċi żiedet tgħid li waqt li kienet imsiefra, idha swiedet, u bl-uġigħ li kellha lanqas tgħolliha ma setgħet. Qalet li hekk kif ġiet lura Malta u marret tara lit-tabib tal-familja, dan bagħatha l-isptar mill-ewwel, fejn mill-investigazzjonijiet li saru ġie stabbilit li l-attriċi kienet sofriet ksur. Hija attendiet għal xi sessjonijiet tal-fiżjoterapija. L-attriċi qalet li meta seħħ l-inċident hi kienet pensjonanta, u li qabel ħarġet bil-pensjoni hi kienet għalliema.

L-attriċi ppreżentat kopja tar-rapport tal-Pulizija fir-rigward tal-inċident[3]; kopja taċ-ċertifikat tal-isptar[4]; kopja taċ-ċertifikat tar-rilaxx mill-isptar[5]; kif ukoll kopja tar-rapport mediku mħejji mill-espert mediku *ex-parte* Mr Carmel Sciberras, bid-data tas-7 ta' Novembru, 2016, fejn ġie kkonstatat li l-attriċi kienet qiegħda ssofri minn debilità permanenti ta' 3% konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.[6]

Permezz ta' nota tal-20 ta' Frar, 2019[7], l-attriċi ppreżentat *records* fir-rigward tal-ħlasijiet tal-pensjoni li hi rċeviet fil-perijodu bejn Diċembru 2015 u l-preżent, għalkemm għandu jiġi rrilevat li l-inċident inkwistjoni ma ħalla l-ebda impatt fuq id-dħul li l-attriċi tipperċepixxi mill-pensjoni tagħha.

Fl-udjenza tat-13 ta' Marzu, 2019 xehed **Kenneth Camilleri**[8], li hu kap tad-dipartiment tal-*claims* tas-soċjetà Mapre Middlesea plc, li qal li l-flotta kollha tal-Malta Public Transport hi assikurata mas-soċjetà Mapre Middlesea plc. Ix-xhud ikkonferma li bejn il-partijiet ġew skambjati ittri bonarji, u s-soċjetà

[3] *A fol.* 41 tal-proċess.
[4] *A fol.* 45 tal-proċess.
[5] *A fol.* 46 tal-proċess.
[6] *A fol.* 47 tal-proċess.
[7] *A fol.* 52 tal-proċess.
[8] *A fol.* 58 tal-proċess.

Mapre Middlesea plc kienet disposta li tagħmel *settlement* tal-*claim* tal-attriċi, tant hu hekk li din intalbet tikkwantifika l-*claim* u li tissottometti s-*supporting documentation*. Imma l-attriċi flok għamlet dan, iddeċidiet li tiftaħ il-kawża odjerna.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Kemm fir-Risposta Maħlufa kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mis-soċjetà konvenuta, intqal li f'dawn il-proċeduri m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar ir-responsabbilità da parti tas-soċjetà konvenuta għall-akkadut, u għalhekk il-Qorti m'għandhiex għalfejn tanalizza l-provi sabiex tiddetermina jekk hemmx xi grad ta' responsabbilità li għandu jinġarr mis-soċjetà konvenuta, ladarba r-responsabbilità hi ammessa diġà. Li jkun fadal li jiġi deċiż huwa l-*quantum* tad-danni li jridu jiġu likwidati favur l-attriċi.

*Damnum Emergens:*

Mill-provi prodotti mill-attriċi, jirriżulta li ħallset €230 għar-rapport mediku li tħejja mill-espert mediku *ex-parte* Mr Carmel Sciberras.[9] Jidher li dik l-irċevuta hija l-unika prova u l-unika pretensjoni għal-likwidazzjoni ta' danni materjali sofferti mill-attriċi, stante li ma nġabet ebda prova oħra f'dan ir-rigward.

[9] *A fol.* 26 tal-proċess.

*Lucrum Cessans:*

L-artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili jistipula illi:

> "Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, total jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib."

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[10], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' April, 2005, fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks,** ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

---

[10] P.A., 18.02.2013.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna li laħqet l-età tal-irtirar, l-attriċi kellha disgħa u sittin (69) sena fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, il-*multiplier* għandu jkun ta' 5. F'sentenza fl-ismijiet **John Ransley et *vs.* Edward Restall et**[11], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
> ...
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

L-attriċi xehdet li tul il-ħajja lavorattiva tagħha hi kienet għalliema, għalkemm meta seħħ l-inċident hi kienet ilha pensjonanta għal ftit aktar minn tmien snin. L-attriċi esebiet ukoll kopji ta' dokumenti sabiex tipprova lill-Qorti kemm hu dħul tagħha mill-pensjoni, għalkemm għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel din il-Qorti, dan id-dħul hu immaterjali stante li l-pensjoni tal-attriċi hija bbażata fuq is-snin li tulhom hija ħallset il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali u fuq id-dħul li hija kellha mill-professjoni ta' għalliema. L-inċident

[11] P.A., 10.05.2005.

inkwistjoni fejn l-attriċi sofriet debilità permanenti, bl-ebda mod ma inċida fuq id-dħul tal-attriċi mill-pensjonijiet li tirċievi, u għalhekk f'dan il-każ din il-prova hi irrelevanti. Skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, dak li jiġri f'każijiet simili, fejn il-persuna li tkun sofriet id-danni diġà tkun laħqet l-età tal-irtirar, huwa li l-Qorti tibbaża l-komputazzjoni tagħha fuq il-paga minima nazzjonali fis-sena meta jkun seħħ l-inċident, għaliex kwalsiasi telf ta' qligħ futur minn xi impjieg li jista' jkollha l-attriċi, irid jiġi kkalkolat a bażi tal-paga minima nazzjonali, u mhux fuq dħul li l-attriċi ser tibqa' tirċievi irrispettivament minn jekk tkunx tiflaħ taħdem jew le.

Fil-każ odjern l-espert mediku ġudizzjarju Mr Frederick Zammit Maempel, li eżamina lill-attriċi madwar 28 xahar wara li seħħ l-inċident, kien fl-aħjar qagħda sabiex jikkonstata jekk id-debilità sofferta mill-attriċi hijiex waħda permanenti jew le, u jekk inhi permanenti, kemm hu l-grad tagħha. Mr Frederick Zammit Maempel stabbilixxa li d-debilità permanenti sofferta mill-attrici b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża, hija ta' 1%. Peress li ma saret l-ebda talba għal ħatra ta' esperti mediċi addizzjonali u peress li lanqas saret l-eskussjoni tal-espert mediku ġudizzjarju, il-Qorti tqis li m'hemm ebda raġuni għalfejn għandha tiddipartixxi mir-rata ta' diżabilità permanenti kif ġiet stabbilita mill-espert mediku ġudizzjarju.

L-inċident inkwistjoni seħħ fis-sena 2015, meta l-paga minima nazzjonali kienet ta' €8,645.52 gross jew €7,780.97 netti wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali. Dan is-salarju jrid jiġi aġġustat għall-għoli tal-ħajja[12] għall-perijodu kollu tal-*multiplier*, sabiex b'hekk id-dħul bażiku li ser

[12] F'sentenza tal-Qorti tal-Appell fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti qalet illi: "[m]eta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta'

tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti għall-finijiet tal-komputazzjoni li trid tagħmel huwa ta' €7,780.97 + €8,154.46 / 2 = €7,967.71.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dawn l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża nfetħet fis-sena 2017, u ser tinqata' ftit aktar minn sena u nofs wara li kien hemm l-ewwel udjenza, b'dan illi ċertament li ma jistax jintqal li kien hemm xi delungar da parti ta' wieħed jew ieħor mill-partijiet.

Is-salarju medju ta' €7,967.71 x *multiplier* ta' 5 x 1% diżabilità permanenti sofferta mill-attriċi, iwasslu għal ċifra ta' €398.39 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi €318.71. Dan huwa l-*lucrum cessans* li ser jiġi likwidat mill-Qorti li għandu jitħallas lill-attriċi flimkien mas-somma ta' €230 rappreżentanti danni materjali sofferti minnha, sabiex b'hekk id-danni totali li s-soċjetà konvenuta għandha tħallas lill-attriċi huwa ta' €548.71 (ħames mija u tmienja u erbgħin Euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu).

Fir-raba' eċċezzjoni tagħha s-soċjetà konvenuta tikkontendi li m'għandhiex tbati spejjeż ġudizzjarji marbuta ma' din il-kawża peress li kien in-nuqqas tal-attriċi li tindika l-ammont likwidat minnha pretiż flimkien mat-tagħrif meħtieġ, li wassal għall-ftuħ ta' dawn il-proċeduri. Il-Qorti tqis illi mill-provi li ġew

---

inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37% (2017) ÷ 5= 0.96%}.

imressqa, jirriżulta li permezz ta' email datata 24 ta' Frar, 2016[13] is-soċjetà assikuratriċi tas-soċjetà konvenuta kienet irrispondiet għall-ittra bonarja tal-attriċi tas-16 ta' Frar, 2016[14], billi talbitha tikkwantifika l-*claim* tagħha u li tissottometti d-dokumentazzjoni relattiva. Peress li jirriżulta mill-provi li l-attriċi naqset illi tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa biex is-soċjetà Mapfre Middlesea plc tkun tista' tipproċessa t-talba tagħha u minflok ġiet ippreżentata l-kawża odjerna, il-Qorti tqis illi s-soċjetà konvenuta m'għandhiex tkun hi li tbati l-ispejjeż ta' din il-kawża u għalhekk ir-raba' eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta għandha tiġi milqugħa u l-attriċi tiġi ordnata tħallas l-ispejjeż tal-kawża.

## <u>Decide</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiddikjara lis-soċjetà konvenuta Malta Public Transport Services (Operations) Limited responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess incident ġarrbet l-attriċi;**

2. **Tillikwida d-danni totali sofferti mill-attriċi fis-somma ta' ħames mija u tmienja u erbgħin Euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€548.71);**

[13] *A fol.* 61 tal-proċess.
[14] *A fol.* 62 tal-proċess.

3. **Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Malta Public Transport Services (Operations) Limited tħallas lill-attriċi d-danni kollha hekk likwidati;**

4. **Tilqa' r-raba' eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta u tordna lill-attriċi tħallas l-ispejjeż tal-kawża.**

**Bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.